

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2015 – Monster Energy vs UASI – Balaguer (icexpresso + energy coffee)

(Kawża T-61/14) ⁽¹⁾

["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva icexpresso + energy coffee — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti X-PRESSO MONSTER, HAMMER M X-PRESSO MONSTER ESPRESSO + ENERGY u MIDNIGHT M X-PRESSO MONSTER ESPRESSO + ENERGY — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni" — Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2015/C 398/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Luis Yus Balaguer (Movera, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Novembru 2013 (Każ R 821/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Monster Energy Company u Luis Yus Balaguer

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Monster Energy Company hija kkundannata li tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 129, 28.4.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 8 ta' Ottubru 2015 – Benediktinerabtei St. Bonifaz vs UASI – Andechser Molkerei Scheitz (Genuß für Leib & Seele KLOSTER Andechs SEIT 1455)

(Kawża T-78/14) ⁽¹⁾

["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Genuß für Leib & Seele KLOSTER Andechs SEIT 1455 — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti SEIT 1908 ANDECHSER NATUR u Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti ANDECHSER NATUR — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2015/C 398/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

Partijiet

Rikorrenti: Benediktinerabtei St. Bonifaz Körperschaft des öffentlichen Rechts (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Württenberger u R. Kunze, avukati)